MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)

**Illum l-Hamis, 21 ta' Marzu 2019**

Rikors Numru 360/2015

**Dr Joseph Mario Sammut (ID 430083M) u Sonia Sammut (ID 766261M)**

**vs**

**Maria Dolores Cassar u Galea Insurance Brokers , b'digriet tal-4 ta' April 2016 giet kjamat in kawza s-socjeta Elmo Insurance Limited**

Il-Qorti,

**1. Premessi**

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-1 ta' Dicembru 2015 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimati is-segwenti:

   *Thallsu is-somma ta' hamest elef, erbgha mija u hamsin Euro (€ 5,450) rappresentanti l-hsarat konsegwenza ta' xoghol inkorsi minnek jew aġent tieghek fuq ordnijiet tieghek.*

   *Bl-ispejjez, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Marzu 2015.*

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' **Galea Insurance Brokers Limtied** fejn laqghet ghal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difizi:

   *Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjeż a bażi tas-segwenti ragunijiet:*

   *1. Illi preliminarjament, l-esponenti toffri biss servizzi ta' brokerage b'dan illi, kif ben risaput mir-rikorrenti, kwalunkwe polza ta' assigurazzjoni li fuqha jistghu qed jorbtu r-rikorrenti tkun inharget minn entita' guridika separata u ndipendenti mill-esponenti. Ghaldaqstant, l-esponenti sa minn issa żżomm ferm id-dritt taghha illi ssejjah lill-istess entita' f'dawn il-proceduri skont il-htiega.*

*2. Illi wkoll preliminarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas suespost, it-talbiet tar-rikorrenti kif eccepiti m'humiex u ma jistghux ikunu enforzabbli kontra l-esponenti.*

*3. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont m'hu dovut stante li r-rikorrenti naqqsu mill-obbligi kuntrattwali taghhom inter alia f'li jinfurmaw lill-kumpanija assigurattiva relattiva bl-allegati hsarat fiz-zmien xieraq u dan kif jigi pruvat f'aktar dettall waqt is-smiegh tal-kawza.*

*4. Illi wkoll fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-polza relattiva [kopja ta' liema qieghda tigi annessa bhala "DOK GIB 01"] teskludi b'mod car u inekwivoku l-hsarat allegati mir-rikorrenti [ref "DOK GIB 02" - email datata t-28 ta' April, 2015]*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fi kwalunkwe każ, ammonti edotti fl-avviż tar-rikorrenti huma eżagerati w ikkontestati u jehtieg li jigu ppruvati;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat ir-risposta ta' **Maria Dolores Cassar** ippresentata fit-18 ta' Jannar 2016, fejn laqghet ghal dak mitlub billi qajjmet is-segwenti difizi:

   1. *Fl-ewwel lok, l-eccipjenti tirrileva illi x-xogholijiet minnha effettwati kienu koperti minn polza ta' assigurazzjoni mahruga appozitament minn Elmo Insurance Limited, tramite Galea Insurance Brokers Limited, u ghalhekk jidher illi bil-mod kif l-atturi impostaw dawn il-proceduri, jista' jkun hemm lok ghall-kjamata in kawza tal-istess socjeta' ta' assigurazzjoni Elmo Insurance Limited.*

   2. *Fit-tieni lok, u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u jehtieg illi l-atturi jressqu l-prova mhux biss tan-ness kawzali bejn ix-xogholijiet effettwati mill-eccipjenti u d-danni minnhom allegati, izda wkoll tal-ammont ta' danni minnhom pretiz illi, ad ictu oculi, jirrizulta eccessiv u esagerat.*

4. Rat illi fl-4 ta' April 2016, fuq talba ta' l-intimati, giet kjamata in kawza s-socjeta Elmo Insurance Limited.

5. Rat illi fit 13 ta' Mejju 2016 is-socjeta' kjamata in kawza Elmo Insurance Limited ppresentat ir-risposta taghha fejn laqghet ghat-talba billi qajjem is-segwenti difizi:

   *1. Illi, preliminarjament, is-socjeta' esponenti Elmo Insurance Limited mhix legittima kontradittrici tal-attur. Ghaldaqstant, l-istess socjeta' esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

   *2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, is-socjeta' esponenti tirrileva illi l-allegati danni subiti mill-attur u li ged jigu reklamati fil-kawza odjerna mhumiex koperti mill-polza assikurattiva illi kienet vigenti fiz-zmien tal-akkadut u dan stante li -istess polza teskludi "loss of or damage to any building structure land or other property due or alleged to be due to vibration or to the*

*withdrawal or weakening of support" kif ukoll "loss or damage which can reasonable be foreseen to be inevitable having regard to the nature of the work to be executed or the planned method of its execution" [vide pagna 7 tal-polza assikurattiva diga' esebita u markata bhala Dok. GIB01]. Dan kif del resto diga' giet kommunikat kemm lill-assikurat tas-socjeta' esponenti - il-konvenuta Maria Dolores Cassar - kif ukoll lill-mart l-attur sahansitra permezz ta' att gudizzjarju [Dok. ELM1 sa Dok. ELM3].*

*3. Illi ghalhekk, it-talbiet tal-attur fil-konfront tas-socjeta' esponenti huma lkoll infondanti fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti fl-intier taghhom.*

*4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjes.*

6. Rat illi fis-16 ta' Mejju 2016 il-kawza thalliet ghal provi

**2. Provi**

1. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Sonia Catherine Sammut** ippresentat fis-16 ta' Gunju 2016.

2. Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Dr Joseph M Sammut** ippresentat fis-16 ta' Gunju 2016.

3. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Joseph Camilleri**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fl-24 ta' Ottubru 2016.

4. Semgħet ix-xhieda ta' **Francis Callus**, prodott mir-rikorrenti u moghtija fl-24 ta' Ottubru 2016.

5. Rat illi fl-24 ta' Ottubru 2016 il-Qorti appuntant lill Perit Arkitett Edgar Rossignaud sabiex jaċċedi fuq il-post u jiehu konstatazzjoni tad-danni fil-fond.

6. Rat illi fis 6 ta' Jannar 2017 il-Perit Arkitett Edgar Rossignaud ippresenta r-rapport tiegħu illi eventwalment gie mahluf fil 5 ta' April 2017. (fol 85)

7. Rat illi fil 5 ta' Mejju 2017 saru domandi in eskussjoni bil-miktub mis-socjeta' Galea Insurance Brokers Limited filwaqt illi fil-25 ta' Mejju 2017 saru domandi in eskussjoni mill-intimata Maria Dolores Cassar.

8. Rat illi fit 12 ta' Settembru 2017 il-Perit Arkitett ippresenta r-risposti tiegħu ghad-domandi lilu maghmulha.

9. Rat l-affidavit ta' l-intimata **Maria Dolores Cassar** ippresentat fis-16 ta' Frar 2018.

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Etienne Mallia**, bhala direttur tas-socjeta' Faceworks Limited, prodott mill-intimata Maria Dolores Cassar u moghtija fil-5 ta' Marzu 2018.

11. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Maria Dolores Cassar illi saret fil-31 ta' Mejju 2018.

12. Semgħet ix-xhieda ta' **Roseanne Galea**, bhala rappresentant tas-socjeta' Galea Insurance Brokers Limited, moghtija fil-31 ta' Mejju 2018.

13. Rat illi fil-31 ta' Mejju 2018 il-Qorti ddikjarat l-istadju tal-gbir tal-provi maghluqa.

14. Rat illi fl-1 ta' Ottubru 2018 is-socjeta kjamata in kawża Elmo Insurance Limited talbet illi tippresenta xhieda, liema talba intlaqghet fl-4 ta' Ottubru 2018.

15. Semgħet ix-xhieda ta' **Charlo Vella**, Commercial Claims Supervisor tas-socjeta' kjamata in kawża, moghtija fid-29 ta' Ottubru 2018.

16. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Mario Cassar**, prodott mis-socjeta' kjamta in kawża u moghtija fid-29 ta' Novembru 2018.

17. Semgħet ix-xhieda tal-**Perit Edgar Rossignaud**, prodott mis-socjeta' kjamata in kawża u moghtija fil-31 ta' Jannar 2019.

18. Rat illi fil-31 ta' Jannar 2019 il-partijiet qabblu illi ma kienx hemm aktar provi x'jippresentaw.

19. Rat illi fil 5 ta' Lulju 2018 ir-rikorrenti kienu gia ppreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom.

20. Rat illi fit-31 ta' Jannar 2019 l-intimata Maria Dolores Cassar ippresenta is-sottomissjonijet taghha.

21. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri ta' Galea Insurance Brokers Limited u ta' Elmo Insurance Limited illi saret fil-31 ta' Jannar 2019, wara liema trattazzjoni il-kawża thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**3. Konstatazzjonijiet fattwali.**

1. Jirrizulta, mill-provi presentati, illi r-rikorrenti huma propretarji tal-fond 'The Berries', Triq ta' Ciantar, Zurrieq, illi hija r-residenza tagħhom, filwaqt illi l-intimata hija, flimkien mar-ragel taghha, propretarja tal-garage bl-isem ta' 'Tat-Taljan' illi jinstab taht il-propjeta tar-rikorrenti.

2. Jirrizulta illi f'Settembru 2013 l-intimati bdew xogholijiet ta' thaffir fil-garage tagħhom sabiex jaghmlu 'basement' f'tali garage.

3. Jirrizulta illi tul ix-xogholijiet ta' skavar illi kellhom isiru, ir-rikorrenti telqu mir-residenza tagħhom u marru jghixu banda ohra sakemm saru x-xogholijiet fil-fond sottostanti.

4. Jirrizulta illi qabel ma nbdew ix-xogholijiet da' parte ta' l-intimata, l-perit taghha, l-Perit Joseph Camilleri, mar fil-fond tar-rikorrenti u, kif stqarr fix-xhieda tiegħu quddiem dina l-Qorti fl-24 ta' Ottubru 2016 (fol 72), huwa ma ra ebda konsenturi fil-bini tar-rikorrenti – huwa ma rrediga ebda rapport bil-miktub.

5. Jirrizulta illi, sussegwentement meta x-xogholijeit tlestew, ir-rikorrenti qabbdu lill-Perit Mario Cassar li acceda fir-residenza tagħhom fit 2 ta' April 2004 u seta jikkonstata illi kien hemm "*xi qsim fil-madum tal-kamra tal-banju, kif ukoll xi madumi tal-hajt kien itaptap*" u osserva wkoll illi kien hemm "*xi kunsenturi rqaq f'inhawi ohra ta' quddiem tal-fond.*" Dawna l-osservazzjonijiet gew redatti f'rapport minnu miktub fl-24 ta' Mejju 2014 u ppresentat mir-rikorrenti mar-rikors promotur (fol 4)

6. Jirrizulta illi sussegwentement r-rikorrent qabbad kuntrattur sabiex jaghmillu stima tad-danni, u jirrizulta illi d-danni stimati kienu jammontaw ghall 3,350 Euros filwaqt illi l-hsarat fil-bathroom kien jammonta ghall 2,550 Euros, illi flimkien jaghmlu total ta' 5,900 Euros.

7. Jirrizulta illi fl-10 ta' Settembru 2014 ir-rikorrenti baghtu Ittra Ufficjali 2796/14 lill-intimata Maria Dolores Cassar, sabiex tagħmel tajjeb ghall-hsarat minna kkawzai – fol 37.

8. Jirrizulta illi l-intimata Maria Dolores Cassar kienet qieghd tikkontendi illi hija koperta b'assikurazzjoni, u għalhekk, fid-9 ta' Marzu 2015 ir-rikorrenti ghamlu Ittra Ufficjali ohra, Numru 862/15, din id-darba kontra l-intimati Maria Dolores Cassar u Galea Insurance, kif ukoll lil Elmo Insurance Limited, fejn s-socjeta' Elmo Insurance Limited biss irrispondiet u gharrfet illi ma kienx hemm Kopertura ta' assikurazzjoni.

9. Jirrizulta illi sussegwentement, fl-1 ta' Dicembru 2015, ir-rikorrenti bdew il-proceduri odjerni.

## 4. Konsiderazzjoni Peritali

1. Jirrizulta illi l-intimata, fid-difiza minnha mqajjma, sahqet illi d-danni kienu esagerati, difiza ripetuta wkoll mis-socjeta' intimata Galea Insurance Brokers Limited u l-kjamat in kawza Elmo Insurance Limited.

2. Jirrizulta illi, la darba l-hsarat kienu ghadhom fil-fond, il-Qorti appuntant lill-Espert Arkitett Edgar Rossignaud sabiex jaccedi fuq il-post, jikkonstata l-hsarat illi seta' jara u jaghti stima ta' tali hsarat.

3. Jirrizulta illi l-Perit Arkitett ghamel rapport, wara access, fejn kellu dan xi jghid:

   *Waqt dan l-Access, il-Perit Tekniku spezzjona l-fond imsemmi, li huwa 'maisonette' fl-ewwel sular u li ghandu access mit-triq, u li qieghed sovrastanti ghal-Store kbir ta' Intimata (Rit. Nru 01).*

   *Meta spezzjonajt il-'maisonette' msemmi, gejt muri mill-Attur, fil-prezenza ta' l-Intimata xi hsarat li allegatament tfaccaw wara li sar xi xoghol strutturali fl-iStore li jinsab taht dan il-fond. Skont l-Intimata dawn l-alterazzjonijiet fl-iStore saru xi tlett snin ilu.*

   *Minn din l-ispezzjoni viswali, stajt nikkonstata dan li gej:*

   i. *Fil-kamra tal-banju principali hemm qasma zghira fejn is-saqaf ipoggi fuq il-hajt (Rit. Nru 2 u 3). Fl-istess vicinanzi lejn in-naha ta' fuq fuq hajt minnhom, hemm xi madum tal-hajt li huma mxaqqa (Rit. Nru 4). Meta tektikt il-madum tal-hajt f'dawn I-inhawi, irrizulta mil-hoss ta' vojt li ghamel li t-tajn li jzomm il-madum mal-hajt, huwa f'dawn l-inhawi distakkat. Dan il-hajt jifred il-kamra tal-banju mil-kamra tas-sodda principali.*

   ii. *Fil-kamra tas-sodda principali, fl-istess hajt li jifred mill-kamra tal-banju, hemm sinjali cari ta' konsenturi hfief (Rit. Nru 5).*

*iii. Fil-kcina, fil-hajt li jifridha mill-kamra tas-sodda, hemm konsenturi li affettwaw il-bicca kbira minn dan il-hajt (Rit. Nru 6).*

*iv. Fil-parti tal-kurutur, bejn il-kcina u l-kamra tas-sodda, hemm ukoll konsentura rqiqa fil-parti gholja tal-hajt.*

*Meta spezzjonajt l-iStore li jinsab taht dan il-fond, stajt nikkonstata n-natura ta' l-alterazzjonijiet sostanzjali li saru f'dan il-fond. Dan l-iStore, li huwa twil hafna, jintlahaq minn rampa fl-istess triq (Rit. Nru. 8) izda ghandu access mit-triq ta' wara. Fil-qosor, kif spjegatli l-Intimata, kien tqatta' l-blat u tbaxxa l-livell b'xi 2.5 metri, waqt li zzammet d-distanza regolatorja ta' 80 centimetru mill-appoggi (Rit. Nru 7) Inbniet struttura ta' kolonni u travi, saqaf intermedjarju tal-konkos. Gie nnutat li s-saqaf li qed jerfa l-bini li tinkludi l-maisonette' ta' l-Attur, huwa maghmul min planki 'prestressed kif jidher fir-ritratt numru 9.*

***Konkluzjoni***

*Wara li kkonfermajt maz-zewg partijiet li qabel ma saru x-xoghlijiet fl-iStore, il-fond ta' l-Attur ma kienx hemm dawn il-problemi hawn fuq elenkati, stajt nikkonkludi li dawn il-hsarat huma dovuti ghax-xoghlijiet strutturali li saru mill-Intimata. Irrid inzid li fl- opinjoni tieghi, dawn ix-xoghlijiet saru b'mestjier tajjeb u l-fatt li hargu dawn id-difetti fil-'maisonette' ta' fuqu, huma pjuttost marbuta mal-fatt li s-saqaf li qed jerfa' l-bini hu, kif diga' spjegajt, maghmul minn planki tal-konkos 'prestressed' u huwa maghruf li dawn it-tip ta' soqfa ma ghandhomx tolleranza hafna ghac-caqlieq li jirrizultaw minn alterazzjonijiet strutturali bhal dawn.*

*It-tiswijiet li ghalhekk hemm bzonn li jsiru fil-fond The Berries' jistghu jinqasmu f'zewg tipi.*

*L-ewwel, fejn hemm konsenturi fil-hitan tal-kcina, kamra tas-sodda, u kurutur, dak it-tikhil li gie effettwat bil-konsenturi, jrid jitnehha u jsir mill-gdid, u naturalment dawk il-hitan hekk effettwati jridu jinzebghu mill-gdid.*

*Fil-kamra tal-banju, kieku jinstab l-istess tip ta' madum tal-hajt, bl-istess 'intonatura', is-soluzzjoni tkun li, wara li tizzarma is-'shower cubicle' u jigu ccekkjati l-pajpijiet ta' l-ilma ghal xi hsara, jinqalghu dawk il-madum fejn jidher li hemm problema (jigifieri mxaqqa jew iteptpu), u jitqieghed madum gdid, u jerga' jitwahhal kollox fejn kien. Il-problema tkun ikbar jekk, kif wisq probabbli, ma jinstabx dan l-istess madum, u allura jkollha tinqala' l-kamra tal-banju kollha, inkluz il-fajjenza, jitkisser il-madum tal-hajt u ta' l-art, jingarr 'il barra, u wara li jsir madum gdid ta' l-istess kwalita (u li jkun maqbul mal-Attur) terga' titwahhal il-fajjenza kollha. Din il-kamra hija ta' qies ta' xi 3 metri bi 3 metri, gholja xi 2.9 metri, u ghalhekk is-superficji tal-madum effetwati hu ta' xi 45 (hamsa u erbghin) metru kwadru. Jekk jirrizulta li l-kamra tal-banju tkun trid tinqala' kollha, jiena nistma li dan ix-xoghol (inkluz it-tiswija tal-konsenturi u z-zebgha fejn jinhtieg), jiswa madwar 4,300 (erbgha telef u tlett mitt Ewro) inkluz VAT.*

4. Jirrizulta illi l-intimata Maria Dolores Cassar ghamlet serje ta' domandi in eskussjoni bil-mitkub, illi ghalihom l-Perit Arkitett irrisponda kif gej:

1. ***D***- *Inti kkostatajt meta nbena l-fond in kwistjoni?*

   ***R***- *Le*

2. ***D***- *Taf meta saret il-kamra tal-banju illi inti spezzjonajt?*

   ***R***- *Le*

3. ***D.***- *F'Paragrafu tal-Osservazzjonijiet tieghek inti spegajt illi "meta tektikt mal-madum tal-hajt.... irrizulta mill-hoss ta' vojt li ghamel li t-tajn li jzomm il-madum mal-hajt, huwa f'dawn l-inhawi distakkat". Nghid sewwa li dan it-tip ta' qtiegh jista' jisir minhabba t-trapass taz-zmien ghaliex dejem ikompli jinxef is-siment.*

   ***R:*** *Dan it-tip ta' qtiegh generalment jkun dovut ghal caqlieq li kien sar fil-bini kawza ta' forzi esterni, jew inkella ghax ix-xoghol seta' kien hazin meta tqieghed il-madum. F'dan il-kaz pero, ma nahsibx li kien ta' l-ahhar, ghax fejn iccekkjat bnadi ohra fl-istess kamra, ma rajtx l-istess indikazzjoni.*

4. ***D***- *Kemm sibt madum illi ghandu bzonn jinbidel ghaliex imxaqqaq?*

   ***R:*** *Ma ghaddejtx in-numru tal-madum effettwat izda niftakar li kien numru zghir, bejn 10 u 15.*

5. ***D***- *Kemm sibt madum illi kien qata'?*

   ***R***- *Ghalkemm ma ghaddejthomx, niftakar li l-madum hekk effettwat qieghed fil-hajt bejn il-kamra tal-banju u l-kamra tas-sodda.*

6. ***D:*** *Inti ghidt illi meta tinqala' x-shower cubicle wiehed ikollu jiccekkja jekk il-pajpijiet tal-ilma fihomx hsara. Nghid sewwa illi tali hsara generalmet tkun dovuta ghal wear and tear ordinarju u huwa komuni illi kamra tal-banju li jkollha diversi snin tkun trid tinbidel proprju minhabba hsara fil-pajpijiet?*

   ***R***- *Jien ghamilt dan il-kumment ghax inhoss li tkun 'due diligence' li, jekk tinqala' kamra tal-banju, jaghmel sens li wiehed jiccekkja l-istat tal-pajpijiet. Jekk tinsab hsara, u nirrepeti 'jekk' (ghax m'ghandiex indikazzjoni li hemm hsara), din tista' tkun dovut ghal 'wear and tear', jew rizultat ta' xi caqlieq fil-bini, li fil-fatt diga' ikkawza l-konsenturi rilevati fir-rapport tieghi.*

7. ***D***- *Fit-tielet paragrafu tal-Konkluzjonijet tieghek, inti elenkajt numru ta' xoghlijiet li ghandhom isiru fil-propjeta' tal-attur, madanakollu ma tajtx stima ta' kemm jistghu jiswew dawn ir-riparazzjonijiet. Tista' f'dan l-istadju tipprovdi stima ghal dawn ix-xoghlijiet, jew inkella tikkonferma jekk dawn ix-xogholijiet humiex inkluzi fl-istima moghtija iktar l-isfel?*

   ***R***- *Fir-raba' paragrafu, fejn jien tajt stima tax-xoghlijiet mehtiega, ghidt "inkluz it-tiswija tal-konsenturi u z-zebgha fejn mehtieg"*

8. ***D***- *Illi fir-raba' paragrafu tal-konkluzjoniet tieghek, inti ssuggerejt li wahda mis- soluzzjoniet tista' tkun li jinstab madum bl-istess intonatura. F'kaz li tkun tista' ssir din-soluzzjoni xi tkun l-istima ta' dawn ix-xogholijiet?*

***R-** Certament li l-ispiza tonqos sew, izda difficli taghti stima ghaliex meta tibda tkisser dawk il-madum li kienu jidhru maqsuma, hemm probabbilta li madum iehor fil-vicinanzi, jkollu jinqala - anki ghal fatt li t-tajn ikun qata', kif indikat fir- rapport tieghi.*

5. Jirrizulta illi s-socjeta' intimata Galea Insurance Brokers Limited ghamlu s-segwenti domandi in eskussjoni bil-miktub:

    1. ***D-** Dakinhar li inti mort fil-post mertu ta' din il-kawza, ossia, dak maghruf bhala The Berries', 59, Triq ta' Ciantar, iz-Zurrieq, inti kont provvist b'rapport relattiv ghall-kundizzjoni tal-istess post qabel ma nbdew ix-xogholijiet biswietu?*

        ***R-** Le, dan ir-rapport, jekk jezisti, jiena ma rajtux.*

    2. ***D-** Fil-kalkoli tieghek relattivi ghall-ispejjez li jigu nkorsi kieku kellhom jigu ripristinati l-hsarat li inti nnutajt fl-imsemmi post, partikolarment dawk relattivi ghall-kamra tal-banju jekk ikollha tinqala', inti kkunsidrajt biss il-prezzijiet kurrenti relattivi ghall-madum tal-istess kwalita' li hemm fl-istess kamra bhalissa jew inkludejt ukoll il-valur sabiex jinxtara mill-gdid apparat u prodotti ohrajn bhal vitin u fajjenza? U jekk iva, ghalfejn?*

        ***R:** Le, ma nara ebda raguni ghala l-fajjenza u 'fittings' ezistenti ma jistghux jergghu jintuzaw.*

6. Jirrizulta illi s-socjeta' kjamata in kawza Elmo Insurance Limited, wara illi kien inghalaq l-istadju tal-gbir tal-provi w l-kawza thalliet ghas-sottomissjonijet finali, talbet illi tipproduci provi u, fost xhieda minnha prodotta, ittella' l-Perit Arkitett in eskussjoni, fejn ikkonferma illi l-hsarat kienu inevitabbli in vista tal-fatt illi s-saqaf huwa maghmul minn planki, bir-rizultat illi jkun aktar suxxettibli ghax-caqliq.

7. Jirrizulta illi ghalkemm ir-rikorrenti ppresentaw stimi quddiem dina l-Qorti fejn jindikaw illi d-danni minnhom stmat li sofrew kien jammonta ghal hamest elef u disgha mitt Euro (E5,900), huma talbu fir-rikors promotur is-somma ta' hamest elef erbgha mija u hamsin Euro (E5,450).

8. Jirrizulta, madanakollu, illi l-istima redatta mill-Perit Arkitett mqabbad mill-Qorti hija stima ferm aktar realistika u gusta, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalhekk il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taghmel bhala taghha tali stima ghal fini ta' komputazzjoni tad-danni sofferti.

## 5. Konsiderazzjoni ulterjuri

1. Jirrizulta, illi kemm is-socjeta' intimata Galea Insurance Brokers Limited, kif ukoll is-socjeta' kjamata in kawza Elmo Insurance Limited t-tnejn ikkontendew illi ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma kellhom ebda relazzjoni kontrattwali ma' l-atturi.

2. Jirrizulta illi, filwaqt illi s-socjeta' intimata Galea Insurance Brokers Limited giet imharrka mir-rikorrenti stess, is-socjeta' kjamata in kawza Elmo Insurance Limited giet imharrka mill-intimata Maria Dolores Cassar, wara talba ghal kjamat in kawza taghha fid-difiza minnha ppresentata.

3. Jirrizulta illi l-intimata tikkontendi illi hija kellha polza tal-assikurazzjoni 'Contract Works Policy', Policy Number 263-1002108 mahruga fl-20 ta' Settembru 2013 ghall-periodu 12 ta' Settembru 2013 sa 11 ta' Marzu 2014, mahruga mis-socjeta' Kjamata in kawza Elmo Insurance Limited tramite s-servizzi tas-socjeta' intimata Galea Insurance Brokers Limited.

4. Jirrizulta illi r-relazzjoni kuntrattwali illi ggenerat tali Polza tal-assikurazzjoni kienet wahda bejn l-istess socjeta' kjamata in kawza Elmo Insurance Limtied u l-intimata Maria Dolores Cassar, u hadd iktar, u ghalhekk huwa minnu kif tghid is-socjeta' kjamata in kawza illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, u dana ghandu jkun a spejjez ta' min talab il-kjamat in kawza taghha, ossija l-intimata Maria Dolores Cassar.

5. Jirrizulta wkoll illi s-socjeta' intimata Galea Insurance Brokers Limited kienet tqabbdet mill-intimata Maria Dolores Cassar sabiex issibilha Polza tal-Assikurazzjoni, u ghalhekk ir-rikorrenti ma ghandhom ebda relazzjoni kuntrattwali u/jew guridika mas-socjeta' intimata Galea Insurance Brokers Limited.

6. Jirrizulta, ghalhekk, illi s-socjeta' Galea Insurance Brokers Limited hija gustifikata fid-difiza taghha illi azzjoni kontriha ma setghetx ssir, u dana ghandu jkun a spejjez ta' min talab l-azzjoni kontra taghha, ossija ir-rikorrenti.

## 6. Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet kollha

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi

**Tillibera** mill-osservaza tal-gudizzju s-socjeta' intimata Galea Insurance Brokers Limited u s-socjeta' kjamata in kawza Elmo Insurance Limited,

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimata Maria Dolores Cassar, stante illi s-socjeta' Elmo Insurance Limited eventwalment giet kjamata in kawza,

**Tichad** it-tieni eccezzjoni ta' l-intimata Maria Dolores Cassar, u ghalhekk

**Tilqa'** t-talba rikorrenti limitatament kif gej, u dana billi

**Tillikiwda** d-danni sofferti mir-rikorrenti Dr Joseph M Sammut u Sonia Sammut rizultat tax-xoghol illi sar mill-intimata Maria Dolores Cassar fis-sit sottostanti l-propjeta taghhom 'The Berries', Triq ta' Ciantar, Zurrieq, fis-somma ta' **erbat elef u tlett mitt Euro (E 4,300)**, li jinkludu wkoll il-VAT, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimata Maria Dolores Cassar thallas is-somma ta' erbat elef u tlett mitt Euro (E4,300) lir-rikorrenti Dr Joseph M Sammut u Sonia Sammut bhala kumpens ghal danni minnha kkawzati fil-fond 'The Berries', Triq ta' Ciantar, Zurrieq rizultat ta' xogholijiet minnha maghmulha fis-sit sottostanti l-fond tar-rikorrenti.

Dwar **Spejjez**, ir-rikorrenti ghandhom jaghmlu tajjeb biss ghall-ispejjez tas-socjeta' intimata Galea Insurance Brokers Limted filwaqt illi l-intimata Maria Dolores Cassar ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tar-rikorrenti kif mitluba, salv dak ta' Galea Insurance Brokers Limited, kif ukoll ghall-ispejjez tas-socjeta' kjamata in kawza Elmo Insurance Limited.

**Imghax** ghandu jiddekorri fuq l-ammont hekk likwidat mid-data tas-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur